Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-7 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Versus**

**Noel Apap**
**(526972M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Noel Apap** detentur tal-Karta tal-Identita Maltija numru **526972M,** residenti fil-fond Dark Side of the Moon, Fl 1, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Hamrun.

Fejn huwa akkuzati talli nhar ta' 25 ta' Frar 2021, ghal habta ta' 16:20hrs, gewwa Triq Miggiani, Marsa:

1. Ingurja, jew hedded jew ghamel sforza fuq il-persuna ta' Joseph Busuttil, Ufficjal ta' Transport Malta, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art. 95 Kap.9

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' PC2169 D. Al Sous Camilleri datat 19 ta' Novembru 2021.

Rat is-CD pprezentat permezz ta' Nota datata 22 ta' Settembru 2022.

Semghat ix-xhieda ta' Joseph Busuttil, Clint Pulis, Tony Borg, Juan Mizzi, Christopher Zammit, Christopher Grech u l-imputat Noel Apap.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti, qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tilliberah minnha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat